# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Pius Attard

Illum 12 ta' Mejju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta'Pius Attard bin Emmanuele u Carmela nee` Vella imwieled fl-31/05/1960 u joqghod 14, Arzella, Triq il-Gulepp, Mgarr ID 0382860M

Billi int akkuzat talli fil-21 ta` Settembru, 2019 ghall-habta ta' 11.00 hrs fi Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni PJA560;

1. U aktar meta b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni jew b`nuqqas ta` tharis tar-regolarmenti tat-traffiku , nvolontarjament ikkagunajt offizi ta` natura gravi fuq

il-persuna ta` Paul Vassallo skond kif iccertifika Dr. Pierre Agius MD . mill-MDH.

2. U talli soqt l-imsemmijja vettura b`manjiera perikoluza.

3. U talli soqt l-imsemmijja vettura b`manjiera traskurata.

4. U talli soqt l-imsemmijja vettura b`manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikolu 226 (1) ( b)tal-Kap 9 u art 15(1)( a) (2) (3)tal-Kap 65 u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat il-proces-verbal

Rat il-konferma tal-esperti fil-proces-verbal min din il-Qorti

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS243 419 A Buttigieg u t-Tabib Pierre Agius** xehdu permezz ta` affidavit

**Doris Serpina** ezebiet il-proces-verbal

**<u>Paul Vassallo, ed hekk :</u>**

Avukat: Sur Vassallo kont involut f'xi incident inti?

Xhud: Iva.

Avukat: Spjega l-Qorti ma konniex hemm. Kif, meta u x'gara? Id-data tafha?

Xhud: Il-21 ta' Settembru 2019.

Avukat: Ija bejn wiehed u iehor il-hin?

Xhud: Bejn il-hdax u l-hdax u nofs.

Avukat: Tajjeb wisq. Ehe fejn?

Xhud: Jiena kont diehel mix-Xemxija ghal Ghajn Tuffieha, triq principali tieghi, bil-mutur tieghi, Yamaha dragster.

Avukat: Xinhu l-mutur?

Xhud: Yamaha Dragster number plate CBP915 u kont qed nikkruzja bil-mutur ghax il-mutur tieghi mhux tal-giri imma

Qorti: Minn naha ta

Xhud: Minn-naha tieghi.

Qorti: Le hu pacenzja, minn-naha tax-Xemxija ghidtli hux hekk?

Xhud; Minn-naha tax-Xemxija diehel ghal Ghajn Tuffieha.

Qorti: Dik it-triq in-...

Xhud: In-normali id-dritta.

Qorti: Kien hemm dak tal-fjuri?

Xhud: Iva hemm is-serer u hemm hafna ghelieqi.

Qorti: Fimt orajt fimt, biex inkun zgur li fimt, hekk jider mir-ritratti, umbaghad x'gara?

Xhud: Kif wasalt hdejn triq il-Palma li hija side street li qeghda fuq ix-xellug tieghi, jiena kont qieghed fil-karreggata tieghi u f' daqqa wahda rajt xi haga griza quddiemi, hekk bumm qisha waqghet mis-sema.

Qorti: Mela fuq ix-xellug tieghek,igifieri int,

Xhud: I mean it-triq gej minn-naha tax-xellug.

Qorti: Igifieri dan meta rajt xi haga griza quddiemek qed tghidli?

Xhud: Ehe eee.

Qorti: Igifieri inti kont sejjer, fuq ix-xellug tieghek ma kellekx bzonn taqsam karreggjati,kemm tmur fuq ix-xellug?

Xhud: Le triq tieghi principali.

Qorti: U kont sejjer fuq is-side road fuq in-naha tieghek?

Xhud: Ijwa ehe.

Qorti: Ok umbaghad x'gara?

Xhud: Harigli hek,k minn hawn u sa hdejk sinjura, jiena kont bil-mutur, qas kelli cans naghmel xejn.

Qorti: Huwa minn fejn kien gej?

Xhud: Kien hiereg minn triq il-Palma.Hareg minn triq il-Palma, qasamli minn triq il-Palma, ghalaqli t-triq.

Qorti: Minn fejn kont diehel int igifieri?

Xhud: Le jien kont sejjer dritt.

Qorti: Ee inti kont sejjer dritt,

Xhud: U hu ghalaqli t-triq u ma kienx hemm boghod minn hawn u inti sinjura.

Qorti: Tul ta xi karozza igifieri?

Xhud: Iva ezatt.

Avukat: Meta tghid hareg, inti tiffrekwentaha dik it-triq is-soltu?

Xhud: Mhux hafna imma,

Avukat: Hemm xi tabelli li jindikaw?

Xhud: Iva hemm it-tabelli, stop sign, hemm is-stop sign fit-triq, hemm kollox.

Avukat: Igifieri hu minn fejn hareg ezatt?

Xhud: Minn triq il-Palma hareg, fejn ghandu l-istop sign fl-art.

Qorti: Minn fuq ix-xellug tieghu. Issa fimtek ok.

Avukat2: Mill-incident inti x’tiftakar? X'hin sehh l-incident?

Xhud: Xejn ghax jiena umbaghad peressli kien hafna close tieghi bqajt diehel gol-karozza u ma nafx x’gara xejn la naf li gew il-pulizija, la naf li giet l-ambulanza.

Avukat2: U x’tip ta’ griehi soffrejt?

Xhud: Kissirt il-pelvis, ghandi l-pelvis ghandi pin go fiha, ghandi l-pelvis imkissrin.

Qorti: Ghandek il-pins?

Xhud: Ghandi pin gol-pelvis.

Avukat2: Kemm domt l-isptar rikoverat?

Xhud; Dhalt fil-21 ta’ Settembru, mill-Indipendenza.

Qorti: Igifieri ghadek issofri l-konsegwenzi ta griehi?

Xhud: Iva ma nistax naghmel l-affarijiet li kont naghmel qabel sinjura zgur. Xejn ma nistgha, I mean nirringrazzja l’Alla li nimxi ghax ghalmuni nimxi mill-gdid.

Avukat2: F'din il-pjanta li qed tara, jew ritratt.

Qorti: Afol 87 tal-prose verbal.

Avukat2: Afol 87, qed taraf fejn sehh l-incident?

Xhud: Ijwa jiena kont gej minn-naha tax-Xemxija,

Avukat2: Sur Magistrat bir-rispett kollu, jien ma nafx jekk il-perit Mario Cassar ikkonfermax din il-pjanta u jghidilna minn fejn gabha ghax meta ghamilha zgur li l-karozzi,

Qorti: Hu pacenzja m' ghandux bzonn jikkonferma, jekk ghandkhom bzonn taghmlulu kontro-ezami, itellawh in kontro-ezami.

Avukat2: Tistgha taghmel ittra A fejn kont tinsab inti?

Qorti: Minn fejn hareg ghamel vlegga u ghamel B.

Avukat2: Inti lill-sid il-vettura li dahlet go fik, tarfghu fl-awla jew taf min hu?

Xhud: Heq illum naghrfu u ghax intqajt mieghu hawn. Illum il-5 darba li gejna hawn, imma dak il-hin m'gharaftux zgur.

Avukat2: Kulur tal-karozza dakinhar tiftakru?

Xhud: Jien dak il-hin qisni shaba sewda rajt quddiemi pero illum ghandi ir-ritratti tal-karozza u fejn sar l-accident illi tider li qisha.

Qorti: Ha jesebixxi xi ritratti?

Xhud: Dawn ir-ritratti gibthom mill-gazzetti jien ee.

Qorti: Le mela le. Xi haga ohra mix-xhud? Kontro-ezami.

Avukat2: Ha naghmillek xi domandi, sur Xerri.

Xhud: Jiena Pawlu Vassallo.

Avukat3: Sorry sur Vassallo tistgha tghidilna preciz minn fejn kont gej, naf li ghidtilna gej minn San Pawl il-Bahar u kont sejjer lejn Ghajn Tuffieha, imma kun izjed specifiku. Minn fejn San Pawl il-Bahar, minn fejn il-Mellieha stajt kont gej minn hemmhekk. Tistgha tghidilna minn liema post kont gej?

Xhud: Kont gej minn San Pawl il-Bahar,mill-,

Avukat2: Minn fejn? Kont go bar? Kont go dar? Fejn kont?

Xhud: Le le ghax jien kull nhar ta’ Sibt sinjura, innaddaf il-mutur tieghi ghax huwa custom bike sabih, noqghod nippolishjah u mmur ir-ride tieghi. Jien noqghod il-Bahrija triq il-Mantell, inzilt mir-Rabat, inzilt minn Burmarrad, u qbadt it-triq ta’ San Pawl il-Bahar.

Avukat2: Igifieri inti tlaqt mir-Rabat bil-mutur tieghek?

Xhud: Ehe mill-Bahrija ghar-Rabat, inzilt Burmarrad u dhalt San Pawl il-Bahar, qas ghaddejt mill-By-Pass, ghaddejt mit-triq l-antika.

Avukat3: Ma jimpurtax,

Xhud: U dhalt triq Ghajn Tuffieha.

Avukat3: issa kont se tmur Ghajn Tuffieha igifieri sewwa. Kont wahdek? Jew kontu skoss muturi.

Xhud: Wahdi.

Avukat3: Wahdek. Tistgha tghidilna b’liema speed kont ghaddejj f’ dik it-triq?

Xhud: Speed normali, jiena,

Avukat3: Normali, jekk tiehu,

Xhud: Hamsin, sittin.

Avukat3: Kilometru jew mil?

Xhud: Kilometri.

Avukat3: Naqblu illi minn fejn kont gej inti, sejjer lejn Ghajn Tuffieha, il-fetha ta' triq il-Palma, tistgha taraha mill-boghod hafna.

Xhud: Le ta ma tistghax taraha.

Avukat3: Ma tistghax, kemm tista tara vicin, kemm vicin tieghek?

Xhud: Jiena,

Avukat2: Le le le, kemm tistgha tara?

Xhud: Minn hawn u l-hajt, forsi minn hawn u naqra ohra.

Avukat3: Qabel ma tarax karozza hierga

Xhud: Ghax hemmhekk ghandu l-mera, ghandu l-istop sign, ghandu stop sign fl-art, stop sign

Qorti: Il-mera, ghandu mera biex johrog?

Xhud: Ghandu mera wkoll faccata. It-triq tant hi dritta li qas qatt ma stajt nimmisjah li kieku kien il-boghod hafna.

Avukat3: Inti naqblu li, inti meta gara l-impatt, waqajt mal-art, bqajt f'postok, stajt tmexxih il-mutur jew le?

Xhud: Jiena ma naf xejn. Jiena kull ma naf hargitli l-karozza hekk u ma kelliex choice hlief nidhol gol-karozza. Jiena spiccajt unconcious.

Avukat3: X'ghamilt biex, il-karozza rajtha fil-vicin.

Xhud: Le jien ma rajt xejn.

Avukat3: Rajtha jew ma rajtiex?

Xhud: Dak il-hin, griza.

Avukat3: Kemm kont lura minnha meta rajtha?

Xhud: Minn hawn u s-sinjura.

Avukat3: Issa sewwa, x'ghamilt biex tipprovva tevita l-incident?

Xhud: Xejn ma stajt naghmel xejn. Jiena b' mutur ma stajt naghmel xejn hlief nitlaq il-gas u nzomm forsi l-brake. Ma stajt naghmel xejn.

Avukat2: Minn dan kollu ghamiltu imma jew le?

Xhud: Ghamilt, gejt f'pozizzjoni li ma nistgha naghmel xejn li bilfors kelli nidhol gol-karozza jien.

Avukat2: Naqblu jekk thares lejn ir-ritratti u anke lejn l-isketch illi sar mill-perit Cassar, li il-karozza li kellha l-incident mieghek, kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq mhux fuq in-naha tieghek tat-triq?

Xhud: Fir-ritratti hekk tider imma lili dak tajili d-daqqa dak baqa' hiereg bija. Il-karozza jiena,id-daqqa ma tajtilux in-naha fejn qeghda l-karozza, fil-kareggata tieghi id-daqqa tajtilu jien. Id-daqqa jiena tajtilu fil-karreggata tieghi.

Avukat3: U dan qed tiftakru?

Xhud: Niftakru ghax cert li jien kont fil-karreggata tieghi. Jiena kont qed insuq il-mutur, jien ma kelliex problemi biex immur in-naha l-ohra, jiena ma kontx qed naqla karozza biex immur in-naha l-ohra.

**Dr. Mario Buttigieg, xehed hekk**

Qorti: Mela ir-rapport qieghed a fol?

Xhud: A fol 90 ezekwitu ta` dan il-Process Verbal.

Avu: Sur Buttigieg inti ezebejt ir-rapport u hlift fil-21 ta` Mejju 2020 immarkat DOK MB f`pagna 3 tar-rapport inti tiddikjara li x-xufier bl-isem ta` Paul Vassallo ix-xufiera huma Paul Vassallo u Pius Attard il-midrub huwa Paul Vassallo pagna 3, issa ha nibda nirriferik u nikkwotalek siltiet biex inti taghtina kjarifika ghal-persuna li kont qed tirreferi ghaliha minhabba li jidher li jista jkun hemm zbalji fil-kunjomijiet dik-ir-raguni.

Qorti: Ehe forsi niccarawha il-persuna li kont qed tirreferi ghal-liema paragarfu iva.

Avu: Nirrefrik ghal-3.2 f`hin minnhom fit-3.2 inti tghid waqt li Paul Farrugia,

Xhud: Paul Vassallo.

Qorti: Mela tikkoregi ruhuek ghamel korezzjoni fl-istess att please.

Avu: Ha nigu a fol 106 page 17 of 25 tar-rapport hemmekk inti tghid li f`dawn ic-cirkostanzi Vassallo ma zammx a proper look ghall min kont qed tirreferi hawnekk ha nipprova nsibielek mela qed naqra it-tieni paragrafu l-esponent huwa fil-fhemna li dawn ic-cirkostanzi Vassallo ma

zammx il-proper look ghaliex qabel ma hareg hu ha certi riskji u naqas li jiehu l-prejawzjonijiet,

Xhud: Bazikament id-driver li kien qed isuq li hareg mit-triq sekondarja qed nirreferi jien, mela qed nitkellmu ghall-Attard, Pius Attard.

Qorti: U qed taghmel il-korezzjoni?

Xhud: Yes yes yes.

Avu: Ha nirreferik a fol 107 page 18 of 25 fl-ewwel paragrafu wara l-ewwel nofs tghid hekk fl-opinjoni tal-esponent jidher li Vassallo ma kienx qed izomm  a proper out look ghall-min kont qed tirreferi qed nirreferik ghat-tieni paragrafu?

Xhud: L-istess Attard.

Qorti: Mela minn Vassallo irid jigi Attard?

Xhud: Iva sinjura, Pius Attard.

Avu: L-istess haga l-istess fol f`nofs l-ahhar paragrafu biex Vassallo qasam it-triq,

Xhud: L-istess trid tigi Pius Attard.

Avu: A fol 108 it-tieni vers inti tghid huwa ovvju li t-tieni appellant ma zammx a proper outlook ghall-min kont qed tirreferi?

Xhud: Ghall-Attard u cioe Attard.

Qorti: Il-korezzjoni minflok appellant?

Xhud: Yes.

Avu: Issa fir-raba vers l-istess fol bil-fatt li Paul Vassallo baqa` jinsisti li fl-ebda hin ma raha il-mutur qabel l-habta ghall-min kont qed tirreferi hemmekk?

Xhud: Ghall-Istess ghall-Pius Attard.

Qorti: Qed taghnel korezzjoni?

Xhud: Iva.

Avu: Issa l-istess fol is-sitt vers fejn tghid illi minn kalkoli xjentifici li l-esponenta ghamel u rrizulta li Anthony Vassallo ghal-min kont qed tirreferi hemmekk?

Xhud: Ghall-Paul Vassallo ghax jien ghamilt Anthony.

Qorti: Ok ghamel korezzjoni.

Avu: Issa paragrafu numru 9 konkluzzjoni l-istess fol 108 it-tielet vers qed jigi misjuq minn Anthony Vassallo trid tigi?

Xhud: Ukoll.

Qorti: Korezzjoni hemmekk ukoll.

Avu: U nirreferi ta l-ahhar a fol 109 ir-raba` pragrafu illi b`din il-kolluzzjoni Anthony Vassallo.

Xhud: Pius,

Qorti: Pius jew Paul?

Avu: Ha nerga nistiednek taqra l-paragrafu, illi b`din il-kolluzzjoni Anthony Vassallo sofra griehi ghall-min kont qed tirreferi hemmekk?

Xhud: Ghall-midrub li huwa is-sewwieq tal-mutur Paul Vassallo.

Avu: Il-vers ta` qabel ta` l-ahhar fejn qed tirrikomanda l-akkuzi fejn tghid b`nuqqas ta tharis ta regolamenti ikkagunati griehi ta natura gravi fuq il-persuna ta` Anthony Vassallo,

Xhud: Paul.

Qorti: U korezzjoni ukoll;

Avu: Dak kollox mix-xhieda sinjura.

Qorti: Xi haga ohra minn ghandu Spettur?

Pros: Le.

Xhud: A fol 110 qed ninduna biha jien number 3 qeghda Anthony biex naghmilha Paul.

**<u>Spettur Godwin Scerri, xehed hekk</u>**

Xhud: Iva nahlef, mela sur Magistrat nhar il-21 ta` Settembru 2019 jien kont duty officer fl-area ta` San Pawl il-Bahar ghall-habta tal-11 ta` filghodu gejna infurmati fi triq Ghajn Tuffieha San Pawl il-Bahar u allura it-triq hija dik it-triq li taghti ghal-Ghajn Tuffieha kienaghdu kif sar incident serju tat-traffiku niftakar illi kien mar fuq il-post PS 419 Anton Buttigieg illi kien irraporta li kienet sehhet li kif wasal fuq il-post sab illi kien hemm zewg vetturi mutur kif ukoll vettura illi kienu habtu ma xulxin kien evidenti illi l-vetturi kienu misjuqin minn Pius Attrd kien qed isuq il-karozza u l-mutur kien qed jigi misjuq minn Paul Vassallo kien ghamilli enfasi cara illi is-sur Paul Vassallo kien soffra griehi serji filfatt huwa kien unconscious fuq it-tabib fuq il-post gie it-tabib Michael Spiteri numru mediku 2666 illi immedjatament kien iccertifika lil Paul Vassallo li kien fil-

periklu tal-mewt, Paul Vassallo ittiehed ftit minuti wara lejn l-isptar Mater Dei fejn iktar tard jiena kont ircevejt certifikat mill-emergenza li Paul Vassallo fil-periklu imminenti illi jitlef hajtu minn investigazzjoni premilinari kienu saru il-vetturi involuti fl-incident kien mutur ta tip Yamaha XVS 650A bin-numru tal-pjanci CBP 915 u l-vettura l-ohra misjuqa minn Pius Attard ta` l-ghamla Toyota Tercel bin-numru tal-pjanci PJA 560 jiena kont infurmajt lil Magistrat tal-ghassa dak in-nhar inzerta kien hemm Dr. Joe Mifsud fejn kien ordna li kien fetah inkjesta filfatt bhala esperti inaghta lil Dr. Mario Scerri il-Dr. Mario Buttigieg u kif ukoll Perit Mario Cassar kien hatar lis-Soco ukoll u dak in-nhar kien acceda fuq il-post PC 959 minn naha tas-Soco. Wara ammont wara ftit zmien gejna infurmati illi is-sur Paul Vassallo ma kienx ghadu fil-periklu tal-mewt u kien qieghed jinzamm ghal-aktar kura pero ma baqax fil-periklu tal-mewt, dana konna ircevejna din l-informazzjoni ftit jiem wara liien sehh l-incident jigifieri fil-21 ta` Settembru 2019, jien akont hejjet rapport ta` dan l-incident li suppost qieghed fil-process verbal.

Pros: Qed naghmel referenza a fol 8 id-data tal-incident x`inhi jekk jogghbok?

Xhud: Mela qed nara dokument a fol 8 tal-process verbal dan huwa ir-rapport li kont hejjjet jien au kont ghaddejtu lil Magistrat inkwerenti nikkonferma illi il-okkju tar-apport huwa tajjeb pero dak in-nhar bi zvista malli jibda ir-rapport jiena kont ktibt illum is-Sibt 23 ta` Settembru minflok s-Sibt 21 ta` Settembru sa fejn naf jien kont infurmajt lil Magistrat inkwerenti b`dan it-tipo u kien gie irrangat pero nikkonferma li l-okkju 21 ta` Settembru hija

id-data meta gara l-incident. Il-bqija nikkonferma dokument.

Qorti: Kontro Ezami?

Xhud: Igifieri inti personalment apparti qed tghidilna x`qalulek hafna nies differenti x`taf fuq il-post fuq l-incident … …?

Xhud: Fuq il-post ta` l-incident jien dak in-nhar ma stajtx immur gha kont qieghed ninvestiga kaz iehor kelli in-nies quddiemi dak il-hin jiena ma stajtx immur, voldieri l-informazzjoni kollha li jiena gbart li umabghad ghaddejtha li Magistrat ghaddejtha through il-pulizija li gew fuq il-post li marru fuq il-post.

Avu: Xejn iktar sinjura.

**Ikkunsidrat**

L-imputat hareg minn triq laterali ghal fuq triq ewlenija u kienet din il-kawza tal-incident. Kieku zamm proper lookout meta ghamel din l-manuvra l-incident ma kienx isehh.Dan kien sewqan traskurat. Isegwi li jirrizultaw l-ewwel (1) u r-raba'(4) imputazzjoni u t-tieni(2) u  t-tielet(3) imputazzjoni ma jirrizultawx.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli-226(1)(b) tal-Kap 9 u Art 15(1)(a)(2)(3) kap 65 u fil-LS65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta issib lil  Pius Attard

Hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni u tikkundannah komplessivament ghal multa ta'elfejn u tlett mitt euro (2300) hmistghax(15) -il gurnata skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u tmin (8)punti mill-licenzji tieghu tas-sewqan u tilliberah minn kull htija u piena dwar t-tieni u tielet imputazzjoni.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**